Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

**Il-Ħamis 14 ta' Gunju 2018**

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **55.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 55.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Sur Daniel Zerafa kien ha jasal tard ghall-laqgha. |
| 55.1.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li inutli li l-aqgha tal-Kunsill tibda tard, jekk il-Kunsillier Daniel Zerafa xorta mhux ser ilahhaq jigi fil-hin miftiehem. |
| **55.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti** |
| 55.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta numru 54, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 55.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana ssekondaw l-minuti tas-Seduta 54 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **55.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 55.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it- 12 ta'Mejju 2018, attenda attivita organizzata f'Marsaxlokk mill- *Autism Parent Association* (APA). |
| 55.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li bejn it-13 ta' mejju u s-16 ta' Mejju 2018, kien in Nicosia, Cipru fejn irraprezenta r-regjun Xlokk f'konferenza ta' l-URBACT flimkien ma' Sindki u kunsilliera ohra. |
| 55.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li nhar is-16 ta' Mejju 2018, attenda l- *Annual Malta Waste Reduction Awards,*fejn il-Kunsill ta' Marsaxlokk rega' ha l-ewwel premju fil-kollezzjoni ta' l-iskart organiku *u* rebah €5,000.Is-Sindku ppropona li ghandu jigi deciz fiex ha jintefqu dawn il-flus. Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandhon jinxtraw pjanti u tinaghta wahda lill-kull rezidenza f'Marsaxlokk bhala ringrazjament tal-koperazzjoni fl-iskart organiku. |
| 55.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-21 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u Sa Emma Vella attenda laqgħa ma' *Projects Plus* rigward il-progett tal-parkegg il-gdid. Is-Sur Horace Gauci nforma lill-Kunsilliera prezenti li ma' naghtat l-ebda nformazzjoni jekk il-parkegg hux ha jigi devolut lill-Kunsill jew le. |

| | |
|---|---|
| 55.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-22 ta' Mejju 2018, attenda laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn ġie konfermat li flimkien ma' Kunsilli ohra l-Kunsill ta'Marsaxlokk kien ha jinaghta *grant* ta' €12,704.44 sabiex jintuza f'asphalt. |
| 55.3.6 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar it-23 ta' Mejju u nhar il-31 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Jordy Brincat attenda laqgħat ta' *training* li qed isiru mill-Awtorita ta' l-ippjanar. |
| 55.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-23 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Jordy Brincat u Sa Emma Vella, attenda zjara f'Marsaxlokk li saret mill-Ministru Konrad Mizzi fir-rigward tal-parkegg il-gdid. |
| 55.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-24 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u Sa Emma Vella attenda laqgha l-Awtorita ta' l-ippjanar sabiex il-Kunsill ikun aggornat rigward l-ammont ta' UIF li hu ntitolat ghalihom. Is-Sur Horace Gauci zied jghid li sa issa ma' ntbaghtet l-ebda informazzjoni. |
| 55.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-26 ta' Mejju 2018, flimkien ma' Sindki ohra attenda laqgha mal - *Vice Squad* tal-pulizija. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li gibed l-attenzjoni fuq iz-zona tal Ballut f' Marsaxlokk, minhabba lmenti fuq siringi li gew imresqa mill- istess rezidenti. |
| 55.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l- 1 ta' Gunju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sur Daniel Zerafa attenda laqgha ma' l-ispettur Camilleri rigward problemi ta' nfurzar fil-lokalita ta' Marsaxlokk. |
| 55.3.11 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar il-11 ta' Gunju 2018, flimkien ma' Sa Janice Chetcuti u ma' Sa Emma Vella, attenda konferenza stampa mill-Ministru Clint Camilleri, li saret fi Triq it Trunciera f' Marsaxlokk ghall-ftuh taz-zona ta' l-ghawm ghaz-zwiemel. |
| 55.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-11 ta' Gunju 2018, flimkien ma' Sa Janice Chetcuti u Sa Emma Vella, inzammet laqgha sabiex tigi diskussa l-attivita tal-Festa Hut f' Marsaxlokk sabiex jiskatta l-process. |
| 55.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsill lokali li nhar it-12 ta' Gunju 2018, kien mistieden biex jiftah ufficjalment l-istabbiliment il-gdid bl-isem *Spar* ,li jinsab fi Triq iz-Zejtun, f'Marsaxlokk. |
| 55.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-13 ta' Gunju 2018, flimkien ma' Sa Emma Vella attenda laqgha ma' Sa Dorienne Diacono u Sa Marisa Spiteri mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex jigu diskussi proceduri ta' devoluzzjoni. |
| 55.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-14 ta' Gunju 2018, flimkien |

| | |
|---|---|
| | ma' Sa Emma Vella, attenda laqgha mal-LEAP (*South Region Network*) f' Hal Kirkop, fejn gew dikussi suggetti socjali. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezenti kemm hi xi haga pozittiva li l-Kunsill ikun involut fiha sabiex jghin fil-kommunita. |
| 55.3.16 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li ssir attivita ta' filmati ghat-tfal kif ukoll jekk jaqblux li tigi organizzata x-xalata tal-festa. Wara diskussjoni libera gie deciz li dawn l-attivitajiet ghandhom jigu organizzati u fir-rigward tax-xalata kellha tingabar stima. |
| 55.3.17 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi genituri kienu applikaw ghas-servizz ta' Klabb 3/16 ma' l-iskola primarja imma sabu l-bibien maghluqa, ghaldaqstant staqsew lill-Kunsill Lokali sabiex tithalla ittra l-Kunsill biex tigi ffirmata mill-genituri u tintalab rikjesta ohra mill-istess Kunsill. Wara decizjoni libera kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ghandu jghin fl-applikazzjoni ta' dan is-servizz. |
| **55.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 55.4.1 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Meta se jsiru l-barriers tal-Maghluq u titwitta l-bajja (ramel)?" Is-Sur Steven Grech wiegeb li kellhom isiru fil-jiem li gejjijn. |
| 55.4.2 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Min hatt ezatt ic-cint ta' magenb il-*Waterpolo Club,* u jekk hux se jerga' jinbena?" Is-Sur Steven Grech wiegeb li c-cint kellu jsir fil-jiem li gejjijn. |
| 55.4.3 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Il-KL kien infurmat bl-installazjoni ta' arblu u xbieki tal-hadid f' St Peter's Pool? Jekk le ghandna niktbu lil TM u l-ERA dwar il-pastazata u l-isfregju ambjentali li sar?" Is-Sur Steven Grech wiegeb li il-Kunsill ha jkollu risposta rigward dan. |
| 55.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Sinjal isfar Triq Zejtun c/w Triq l-Iskola l antika ghax il-karozzi qed jastokolaw l-access ghad-dar "Palazzo Duca?" Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandhom isiru linji sofor mal-kantuniera. |
| 55.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-dawl ta' that it-tinda tax-Xatt?" Is-Segretarju Ezekuttiv qal li mhux ser jaccetta li jhallas xoghlijiet mqabda mill-Kunsilliera li jsiru minghajr kunsens waqt laqgha tal-Kunsill precedenti. Is-Segretarju zied jghid li jekk xogholijiet gew diskussa sena ilu u ma' sarux dawn ghandhom jergu' jigu diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill. |
| 55.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Ser isiru bollards fejn djar tas-Sajjieda biex ma' jidhlux bil-karozzi?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ghandom isiru sitt bollards. |

| | |
|---|---|
| 55.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Barrier tal-pjazza?" Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandhom jitwahlu *cameras* ghar-raguni li l-*barrier* qed issirila hsara u l-kunsill qed jispicca jirranga fiha kontinwament. |
| ***Il-hin huwa 05:50pm u f'dan l-istadju dahal is-Sur Daniel Zerafa*** | |
| 55.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "It-tmexxija tal-pulizija?" Wara diskussjoni libera kien hemm qbil li kellha tinzamm laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Ministru Michael Farrugia sabiex ikun hemm infurzar fil-lokalita. Is-Sindku zied jghi li ghandha tinzamm laqgha wkoll mas-Sur Ray Vella sabiex jigu diskussa l-Wardens fil-lokalita. |
| 55.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Is-Sinjali ta' Triq Axtart?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ghanda tigi nfurmata Transport Malta sabiex isiru *Road Markings* ghar-raguni li hija Triq arterjali. |
| 55.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Allowance lill-Vanessa Galea u tal-*Course* ta' l-*Accounts*?" Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu li Sa Vanessa Galea ghandha tinaghta allowance ta' grad skala 15 u tibda mill-ewwel *notch*. Dan gie deciz ghall- hidma siewja li taghmel fi hdan il-kunsill. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti li Sa Vanessa Galea kellha tintbghat il-*Course* tas-Sage fejn il-Kunsill ser ihallas porzjon u d-Dipartiment tal Gvern Lokali u l-ANSEK ser ihalsu l-kumplament. Il-Kunsilliera prezenti ddeciedew li la kienu ser jinvestu f'Sa Vanessa Galea kellhom jorbtu l-impjieg taghha ghal xi zmien ma' l-istess Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv kellu jara legalment kemm setgha' jorbot persuna sabiex tibqgha fi hdan l-istess Kunsill u kellu jinform lill-Kunsilliera kemm ha tkun l-*allowance* ta' Sa Vanessa Galea u jekk hemx *budget* ghal din is-sena. |
| 55.4.11 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Byelaw tal-bicca tas-Sajjieda?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li kien bghat kopja lill-Kunsilliera kollha. Wara diskussjoni libera gie deciz li s-Segretarju ezekuttiv ghandu jibghat l-istess Byelaw lill-koperattivi tas-sajd u wara tigi diskussa flimkien ma' l-istess Kunsill Lokali. |
| 55.4.12 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-Imwejjed u s-siġġijiet tar-Ristoranti?" Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li qed jibghat korrispondenza kontinwa lill-ispettur tal-Pulizija sabiex tittiehed azzjoni imma mhux jiehu twegiba. Wara diskussjoni libera gie deciz li L-Pulizija ghandhom jergu jigu nfurmati kif ukoll ghandha tintbghat korrispondenza lill-Awtorita ta' l-Ippjanar sabiex jigi mplimentat l-infurzar. |
| 55.4.13 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "It-trinka ta' Triq Melqart habba l-ilma ta' Baldacchino?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ghandha tinzamm laqgha ma' Transport Malta, kemm f'dan ir-rigward kif ukoll fuq diskussjonijiet ohra li ghadhom pendenti. |

| | |
|---|---|
| 55.4.14 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Sleeping Policeman fejn Pawlu Zerafa Triq Zejtun"? Wara diskussjoni libera gie deciz li dan ghandu jigi diskuss ukoll ma' Transport Malta. Is-Sindku zied jghid ukoll li ghandhom jigu diskussa wkoll il-*one-ways*. |
| 55.4.15 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Bicca bankina Triq Gulino Maniscalco habba ilma diehel go garaxx"? Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li s-Sur Michael Fenech jestendi bicca bankina zghira bi spejjez ghalih u la mhux ha tkun ta' zgombru. Il-Kunsilliera talbu li s-Sur Michael Fenech jaghmel din ir-rikjesta bil-miktub. |
| 55.4.16 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-iskalin ta' Xatt is-Sajjieda"? Wara diskussjoni libera gie deciz li il-Kunsill ghandu jistenna t-Tender tal-*Fisheries* f'dan ir-rigward li ghadu fil-process. |
| 55.4.17 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Karrijiet mitluqin"? Wara diskussjoni libera gie deciz li s-Sur Horace Gauci kellu jkellem lis-Sur Pollacco ta' Transport Malta f'dan ir-rigward u kellhom ukoll jingabru tlitt *quotations* sabiex il-Kunsill ikun jaf x'inhuma l-ispejjez biex jingarru l-karrijirt. |
| **55.5** | **Rapporti** |
| 55.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'korispondenza mibghuta mis-Sinjura Rose Bugeja fejn talbet access ghar-remote tal barrier tal-pjazza mhabba l-parkegg, ghar-raguni li ma' genb id-dar taghha hemm *Parking Bay*. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera prezenti gie deciz li m'ghandha tinaghta l-ebda *remote* tal-*barrier* tal-pjazza lis-sinjura Rose Bugeja imma ghandhom jigu emendati l-granet tal-*Parking Bay*.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza datata 23 ta' Mejju 2018, minghand l-is-Sur Joe Cardona rigward kaxxa safra quddiem il-garaxx tieghu. Wara diskussjoni libera gie deciz li din ghandha ssir rikjesta u approvazzjoni minn Transport Malta.<br><br>- Permezz ta'korrispondenza datata 30 ta' Mejju 2018, minghand Dr Luciano Busuttil is-Segretarju Eżekuttiv informa liIl-Kunsilliera preżenti li l-istess Avukat issotometta rikos il-qorti f'isem il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk dwar il-kaz pendenti nnumerat 157/2013. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif dan ir-rikors sewa lill-Kunsil €300.<br><br>-.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 ta' Mejju 2018 mibgħuta mis-Sur Angelo Baldacchino President ta' l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei, |

| | |
|---|---|
| | fejn qed jigi mitlub sabiex tinghalaq Triq il-Kajjik ghat-traffiku nhar it-28 u d-29 ta' Lulju 2018 bejn l-10:00am u 12:00pm ghal jiem tal Festa. Wara diskussjoni libera gie deciz li ma' ghandu jkun hemm l-ebda oggezzjoni mill-Kunsill.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 ta' Mejju 2018 mibgħuta mis-Sur Angelo Baldacchino President ta' l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei, fejn qed jigi mitlub sabiex il-Kunsill Lokali jahdem b'kolloaborazzjoni ma' l-ghaqda Muzikali ta' Pompei biex jittella programm vokali /strumentali nhar il-Hamis 26 ta' Lulju 2018. Wara diskussjoni libera u qbil unanimu l-Kunsill ma' sab l-ebda oggezzjoni.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 ta' Mejju 2018 mibgħuta mis-Sur Angelo Baldacchino President ta' l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei, fejn qed jigi mitlub sabiex nhar id-29 ta' Lulju 2018, jintrama *Bar* fit-Triq mal-hajt tal-Kazin fi Triq il-Kajjik f'Marsaxlokk, bejn il-11:00 am u s-6:00 pm. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li m'ghandu jkun hemm l-ebda oggezzjoni.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 21 ta' Mejju 2018, mingħand is-Sur Manuel Cumbo fejn talab lill-Kunsill Lokali sabies isiru U Channels fuq il-bankina fejn l-istabbiliment tieghu. Wara decizjoni libera gie deciz li l-Kunsill ma' jsibx oggezzjoni ghaldastant s-Sur Manuel Cumbo jrid jimla l-formola ta' applikazzjoni ta' Transport Malta , hekk kif titlob il-ligi u l-Kunsill Lokali jmexxi l-applikazzjoni.<br><br>- Permezz ta' komunikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar datata 8 ta' Mejju 2018, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li fl-applikazzjoni PA/0026/18 li jirrigwarda 31, Triq San Piju V, Marsaxlokk, kienu ġew sottomessi pjanti ġodda.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/04914/18, PA/04848/18, PA/00261/18, PA/03096/18, PA/03486/18, PA/09297/17, PA/04509/18, PA/03031/18, PA/03166/18, RG/00329/18, RG/00744/18, PA/04297/18, PA/04364/18, PA/04367/18, PA/04440/18, PA/04436/18, RG/00605/18, PA/02476/18, PA/10748/17, PA/11030/17,PA/11089/17, RG/03694/17, PA06197/17, PA/04118/18, PA/03987/18 PA/01588/18, PA/02439/18, PA/02650/18, PA/02739/18, PA/09450/17, PA/03018/18, PA/04014/18, PA/04015/18, PA/04045/18, PA/03989/18, PA/00337/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| **55.6** | **Mozzjonijiet** |
| 55.6.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| | |
| **55.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 55.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li t-*Tender* tat-Tarmac ta' Triq ic-Cippi f' Marsaxlokk, kellu jigi kkomunikat U approvat b'*email* u mhux waqt laqgha tal-Kunsill minhabba l-fondi li nghataw mir-regjun li kien jgorru *deadline* ta' applikazzjoni. |
| 55.7.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv rega' nforma lill-Kunsill Lokali li t-T*ender* tal-*Public Conveniences* kien se jagħlaq f'Diċembru 2018. Għaldaqstant kellu jibda jinħadem T*ender* ieħor, u dan sabiex il-Kunsill ikun fil-ħin. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill ghandu jkellem lid-*District Operations* sabiex jitlob zewg haddiema bhala *toilet attendents* u tintalab *Call for* Q*uotation*s ghall-*Maintenance tal-Public Convienences.* |
| **55.8** | **Festa Ħut 2018** |
| 55.8.1 | Il-Kunsilliera Sa Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsilliera prezenti li ha tibda tahdem fuq il-Festa Ħut 2018. |
| **55.9** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 55.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 06/18) għall-approvazzjoni. |
| 55.9.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stefen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 55.9.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xhur ta' Mejju u Gunju għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **55.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 55.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:10 p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju 2018 fil-5:00 p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' Lulju 2018.

Iffirmata

________________

**Horace Gauci**
Sindku

Iffirmata

________________

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv